MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## SCIBERRAS PHILIP LL.D.

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 642/2000/1

**Philip Casha**

**Vs**

**Rosella Casha; id-Direttur tar-Registru Pubbliku; u b'digriet tal-Qorti ta' l-24 ta' Mejju 2000 Dr. Leslie Cuschieri LL.D. u PL Louisa Tufigno gew nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Marcon.**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-konjugi Philip u Rosella Casha ilhom *de facto* separati ghal xi sena u nofs; u

Premess illi l-konvenuta, Rosella Casha, kellha tarbija li twieldet fl-ghaxra (10) ta' Jannar tas-sena elfejn (2000) kif jirrizulta mill-anness Certifikat tat-Twelid Dok. A; u

Premess illi l-imsemmija tarbija giet registrata b'kunjom l-attur meta hu m'huwiex il-missier; u

Premess illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija li, effettivament, m'hijiex wild naturali tieghu;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-imsemmija tarbija m'hijiex wild naturali ta' l-attur;

2. Konsegwentement, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tat-tarbija imsemmija li jgib in-numru 169/2000 (Dok. A), mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem Philip Casha, mill-kolonna li tirrapprezenta n-numru tad-dokument ta' l-identita` n-numru 0544784(M), l-eta`, post tat-twelid u residenza ta' l-attur kif ukoll isem u kunjom missier l-attur u jekk hux haj jew mejjet u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba u, jekk jinhtieg, f'kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti u l-lista tax-xhieda indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi dwar il-mertu ta' l-azzjoni ta' denegata` paternita` esercitata f'din il-kawza l-esponent jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

2. Illi bla pregudizzju, f'kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti, l-korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 169/00 ghandha ssir fis-sens illi l-kancellament tad-dettalji relattivi ghall-attur

ghandhom jigu sostitwiti bil-kliem “Missier mhux maghruf” fil-kolonna li tirreferi ghal partikolaritajiet tal-missier;

3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, il-bidla li qieghda tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u li jekk kemm-il darba tintlaqa’ zgur li ser tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta’ l-istess minuri, u ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi, aktar u aktar jekk is-separazzjoni li jsemmi l-attur fic-citazzjoni odjerna hija separazzjoni *de facto* u mhux *de jure*;

4. Illi peress li l-presenza tieghu fil-vertenza odjerna hija mehtiega biss ghall-finijiet ta’ l-eventwali ezegwibilita` tal-gudizzju, huwa m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati Dottor Leslie Cuschieri u l-PL Louisa Tufigno li fiha huma eccepew:-

1. Illi ghalkemm huma gew nominati b’digriet ta’ l-24 ta’ Mejju 2000 kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri Marcon Casha, huma m’humiex edotti mill-fatti tal-kaz;

2. Illi ghalhekk huma jirriservaw li jecepixxu ulterjorment;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess kuraturi u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota tal-konvenuta Rosella Casha li permezz taghha hija ammettiet it-talbiet ta’ l-attur;

Rat id-digriet li permezz tieghu giet nominata l-Assistant Gudizzjarju Dr. Deborah Huber biex tigbor il-provi f’din il-kawza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidrat:-

L-azzjoni hawn proposta mill-attur hi ndubbjament wahda ta' diskonoxximent jew kif ahjar maghrufa, ta' "*denegata paternita*`". Fil-prezent din l-azzjoni hi dixxiplinata b'disposizzjonijiet aktar flessibbli u jidher li tbeghdet sew mir-rigidita` tan-normi kodifikati qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi apportati ghall-Kodici Civili bl-Att XXI ta' l-1993;

Cionostante, anke fis-sistema attwali tal-ligi, l-prezunzjoni antikissima tad-dritt Ruman - *pater is est quem iustae nuptiae demonstrant* - ghandha tircievi akkoljiment kif hekk mahsub bl-Artikolu 67 tal-Kap 16. Dan ifisser illi simili azzjoni ghandha xorta wahda titqies importanti u delikata;

Il-materja hi regolata bl-Artikolu 70 tal-Kodici Civili li taghti d-dritt lir-ragel jiddiskonoxxi lit-tifel imnissel matul iz-zwieg jekk jirnexxielu jipprova xi wahda minn fost l-erba' ipotesijiet f'din id-disposizzjoni kontemplata, jigifieri:-

(a) jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibilita` fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew

(b) jekk fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud *de facto* jew legalment minn martu. Izda ma jkunx jista' jichad lit-tifel jekk matul dak iz-zmien ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew

(c) Jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew

(d) Jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid

tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt iehor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita`;

Qabel kull indagini ohra jkun opportun li jigi sottolineat illi f'kawza ta' din ix-xorta l-Qorti tista' dejjem tistieden lill-partijiet joqoghdu ghal prova genetika;

Inoltre huwa importanti li jigi wkoll sottolineat illi l-ammissjoni u kull dikjarazzjoni ta' l-omm li zewgha mhux il-missier ma tibbastax biex tinnewtralizza l-presunzjoni tal-ligi dwar il-paternita` tar-ragel (Art. 70(2) Kodici Civili);

Issa fil-kaz prezenti tirrizulta fuq kollox il-prova kjave illi tabilhaqq l-attur mhux il-missier naturali jew bijologiku tal-minuri. Din tinsab fic-certifikat ta' l-ezamijiet klinici tad-*DNA profiling* tal-konvenuta, tat-tarbija u ta' Mark Bugeja. Dawn it-testijiet jivvalorizzaw bi prova certa illi missier it-tarbija ma hu hadd hlief l-imsemmi Mark Bugeja tant li fic-certifikat esebit a fol. 32 tal-process jinghad dan:-

"*The probability of paternity* (dejjem b'referenza ghal Mark Bugeja) *given the DNA incidence is at least 99.99%.*";

Fuq din il-prova biss il-Qorti hi altru milli sodisfatta illi l-attur irnexxielu jiddisimpenja ruhu mill-oneru impost fuqu in kwantu t-testijiet genetici kienu pozitivament determinanti biex jistabilixxu illi l-missier naturali tat-tarbija kien haddiehor u mhux hu;

Din il-konkluzjoni hi msahha imbaghad minn provi ohra hawn brevement elenkati:-

(i) Il-koppja kienet ilha mifruda *de facto* ghal xi sena u nofs qabel it-twelid tat-tarbija fl-10 ta' Jannar 2000;

(ii) L-attur kien allontana ruhu mid-dar matrimonjali u martu kienet appartat ruhha ma' l-imsemmi Mark Bugeja u li mir-relazzjoni mieghu giet koncepita t-tarbija f'April jew Mejju 1999;

Minn dan kollu dedott jirrizulta ghalhekk illi t-talba principali ta' l-attur tinkwadra ruhha sew f'aktar minn wahda mill-ipotesijiet kontemplati fl-Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 u ghalhekk il-Qorti hi sodisfatta li l-azzjoni attrici, hekk intavolata fiz-zmien statutorju prefiss mill-Artikolu 73 tal-Kodici Civili, timmerita pjena akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-Ewwel Domanda fis-sens li tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali tat-tarbija imwielda mill-konvenuta Rosella Casha fl-10 ta' Jannar 2000 u iskritta fir-Registru Pubbliku bin-numru 169/2000;

Tilqa' ukoll it-Tieni Domanda u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet opportuni mitluba, bl-inkluzjoni ta’ dak mahsub fit-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu mill-konvenuta Rosella Casha.

(ft) Philip Sciberras

Onor. Philip Sciberras
Imhallef

(ft) Emanuel Sciriha

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur